

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000120/2015

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Manfred Weber, Esteban González Pons, Monika Hohlmeier, Axel Voss

f'isem il-Grupp PPE

Suġġett: Konsegwenzi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tinvalida d-
Deċiżjoni dwar l-Isfera ta' Sikurezza tal-Istati Uniti

Skont id-Direttiva 95/46/KE, fis-26 ta' Lulju 2000, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li tirrikonoxxi li l-Prinċipji li jipprovdu Sfera ta' Sikurezza tal-Privatezza u l-Mistoqsijiet Frekwenti maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti jipprovdu protezzjoni adegwata għall-iskopijiet ta' trasferimenti ta' data personali mill-UE, l-hekk imsejġha 'Deċiżjoni dwar l-Isfera ta' Sikurezza tal-Istati Uniti'.

F'Komunikazzjoni tal-2013, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-Isfera ta' Sikurezza saret mezz għall-flussi tad-data personali bejn l-UE u l-Istati Uniti, u identifikat nuqqasijiet fit-trasparenza u l-infurzar tal-arranġament, b'problemi speċifiċi persistenti li kellhom jiġu indirizzati f'taħdidiet ma' uffiċjali tal-Istati Uniti dwar 13-il rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni u l-kontropartijiet tagħha tal-Istati Uniti ilhom jistinkaw, mingħajr suċċess, f'negozjati mtawla għal kważi sentejn biex jintlaħaq ftehim innegozjat mill-ġdid dwar Sfera ta' Sikurezza. Il-Parlament ripetutament talab is-sospensjoni tad-Deċiżjoni tal-Isfera ta' Sikurezza tal-Istati Uniti, inkluż fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014¹.

Fis-6 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) iddeċidiet li d-Deċiżjoni dwar l-Isfera ta' Sikurezza tal-Istati Uniti kienet invalida abbażi ta' nuqqas ta' protezzjoni mogħtija lid-data tal-Ewropej ladarba din tiġi ttrasferita lejn l-Istati Uniti.

X'passi biġnsiebha tiegħu l-Kummissjoni bħala konsegwenza tas-sentenza tal-QtĠ-UE biex b'mod urġenti jinstab rimedju għall-inċertezza legali serja u n-nuqqas ta' protezzjoni u salvagwardji għal data taċ-ċittadini tal-UE li tiġi ttrasferita lejn l-Istati Uniti?

Il-Kummissjoni kif qed tippjana li tindirizza n-nuqqasijiet serji u l-ksur tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE mqajma mill-QtĠ-UE fil-qafas tan-negozjati li għaddejjin għal Ftehim rivedut dwar Sfera ta' Sikurezza? Qegħda taħseb fi kwalunkwe għażliet legali oħra li jiggarrantixxu livell ogħla ta' protezzjoni tad-data f'flussi transatlantiċi tad-data?

X'azzjoni immedjata qed tiġi kkunsidrati mill-Kummissjoni biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq tal-UE f'taħlita ta' reġimi differenti madwar l-Ewropa u interpretazzjonijiet differenti ta' kif id-data taċ-ċittadini tal-UE għandha tiġi maħżuna u użata, li jkun ta' ħsara għall-konsumaturi u n-negozji tal-UE? Qegħda tikkunsidra toħroġ gwida lill-kumpaniji li joperaw fi ħdan il-qafas ta' Sfera ta' Sikurezza dwar kif attivitajiet kummerċjali essenzjali u ta' rutina jistgħu jsejnhu fil-lakuna legali attwali?

Imressqa: 7.10.2015

Mgħoddija: 9.10.2015

L-iskadenza għat-tweġiba: 16.10.2015

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u dwar il-kooperazzjoni transatlantika fil-Ġustizzja u l-Intern (2013/2188(INI)).